MALTA

# TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR

**GUDIKATUR DR.**
**PHILIP MANDUCA**

Seduta tad-9 ta' Frar, 2004

Talba Numru. 603/2003

**Alliance Malta Limited**

**Vs**

**Victor Galea f'ismu proprju kif ukoll ghan-nom u in rappresentanza tas-socjeta' V.G Tiles Limited**

**It-Tribunal**

Wara li ra t-talba attrici ghall-kundanna tal-konvenut ghall-hlas ta' Lm826.48c (tmien mija u sitta u ghoxrin lira Maltin u tmienja u erbghin centezmu) rappresentanti, in kwantu ghas-somma ta' Lm397.90c (tliet mija u sebgha u disghin lira Maltin u disghin centezmu) ammont dovut minn Victor Galea f'ismu proprju kif ukoll ghan-nom u in rappresentanza tas-socjeta' V.G Tiles Limited, liema somma tirrapresenta import ta' 'Cheque' mahrug mill-APS Bank, fergha tal-Furjana minn Victor Galea nhar is-6 t'April, 2001, bin-numru 1417 indirizzat lis-socjeta' attrici liema 'cheque' gie ritornat lura bhala 'refer to drawer'; u in

kwantu r-rimanenti somma ta’ Lm428.58c (erba’ mija u tmienja u ghoxrin lira Maltin u tmienja u hamsin centezmu) rappresentanti prezz fuq polza ta’ l-assigurazzjoni mahruga f’isem Victor Galea, liema polza baqghet ma thallsitx.

Bl-ispejjez, inkluz tal-Avviz tat-Talba u bl-imghaxijiet legali sad-data tal-pagament effettiv.

Ra li l-konvenut baqa’ kontumaci;

Sema’ li l-ammont ghadu dovut;

Fic-cirkostanzi, t-Tribunal jilqa’ t-talbiet attrici, kif kontenuti bl-ispejjez u l-interessi skond il-Ligi.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------